Quddiesa għall-Għarajjes
Is-Sibt 15 ta' Frar 2014-02-18

Punti mill-Omelija tal-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P.

Fl-omelija tiegħu Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, wara li feraħ lil koppja Ian u Mellyora tal-esperjenza sabiħa li qasmu, semma tliet punti:

1. Intom bħala koppji għaziltu li tidħlu għal żwieġ sagrament. Dan ifisser li minn ġibda issa tridu tgħaddu għal impenn. Għalhekk irridu nimpenjaw ruħna li aħna ser nibqgħu ta' xulxin.

2. Ġesù jgħallimna kif tassew inħobbu lil xulxin, mhux paroli, mhux sfruttament iżda billi sinċerament naħfru lil xulxin.

3. Fl-aħħarnett, Ġesù ma jħalliniex waħedna. Ser joffrilna l-għajnuna tal-preżenza tiegħu biex iż-żwieġ nagħmluh possibbli u biex inkunu kapaċi nagħtu trobbija tajba lit-tfal.